# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1935

## tat-8 ta’ Novembru 2021

## li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/723 fir-rigward tal-informazzjoni u d-*data* dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta’ prodotti organiċi li jridu jitressqu permezz tal-mudell tal-formola standard

**(Test b’rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta’ regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([1]), u b’mod partikolari, il-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 25, l-Artikolu 113(2) u l-punt (f) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 134, tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/723 ([2]) jistabbilixxi l-mudell tal-formola standard li jrid jintuża fir-rapporti annwali mressqa minn kull Stat Membru f’konformità mal-Artikolu 113(1) tar-Regolament (UE) 2017/625.

(2) It-Taqsima 9 ta’ dak il-mudell tal-formola standard teħtieġ li l-Istati Membri jirrappurtaw id-*data* organika f’konformità mal-mudelli stabbiliti fl-Anness XIIIc tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 ([3]).

(3) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jistabbilixxi regoli ġodda dwar il-kontrolli tal-produzzjoni organika u t-tikkettar ta’ prodotti organiċi, inkluż il-kontrolli għall-verifika tal-istabbiliment u l-funzjonament tas-sistema ta’ kontroll intern ta’ gruppi ta’ operaturi, u l-ispezzjoni mill-ġdid ta’ għadd minimu ta’ operaturi li huma membri ta’ grupp ta’ operaturi. Barra minn hekk, l-Istati Membri se jkollhom jiżviluppaw katalgu nazzjonali ta’ miżuri li jridu jitwettqu f’każ ta’ nuqqas ta’ konformità, li jinkludi l-klassifikazzjoni ta’ nuqqasijiet ta’ konformità u l-miżuri korrispondenti. L-Istati Membri se jkollhom jirrappurtaw dwar il-kontrolli uffiċjali li jirriżultaw minn dawk ir-regoli l-ġodda kif ukoll jipprovdu l-informazzjoni dwar in-nuqqasijiet ta’ konformità identifikati u dwar l-infurzar tal-miżuri skont il-katalgu nazzjonali ta’ miżuri tagħhom.

(4) Sabiex jitqiesu dawk ir-regoli u r-rekwiżiti l-ġodda fir-rapport annwali li jrid jitressaq f’konformità mal-Artikolu 113(1) tar-Regolament (UE) 2017/625, jeħtieġ li tiġi aġġornata t-Taqsima 9 tal-Parti II tal-mudell tal-formola standard.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/723 jiġi emendat skont dan.

([1]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/723 tat-2 ta’ Mejju 2019 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-mudell tal-formola standard li għandu jintuża fir-rapporti annwali mressqa mill-Istati Membri (ĠU L 124, 13.5.2019, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 889/2008 tal-5 ta’ Settembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta’ prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku (ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta’ prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Produzzjoni Organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/723 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

**Mudell tal-formola standard**

L-Istati Membri għandhom iressqu l-informazzjoni u d-*data* msemmija fl-Artikolu 113(1) tar-Regolament (UE) 2017/625 permezz tal-mudell tal-formola standard stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament. Dan għandu jsir bl-użu tal-verżjoni elettronika tal-mudell tal-formola standard mogħtija fis-sistema kompjuterizzata tal-ġestjoni tal-informazzjoni għall-kontrolli uffiċjali (information management system for official controls/IMSOC). Madankollu, għall-informazzjoni u d-*data* dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi msemmija fit-Taqsima 9 tal-Parti II ta' dik il-formola, għandha tintuża s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Biedja Organika (Organic Farming Information System/OFIS).

Sussegwentement l-Istati Membri għandhom jikkonfermaw fil-verżjoni elettronika tal-mudell tal-formola standard fl-IMSOC li t-Taqsima 9 tal-Parti II ta' dik il-formola tressqet fl-OFIS.";

(2) Fl-Anness, it-Taqsima 9 tal-mudell tal-formola standard hija sostitwita bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Settembru 2022 fir-rigward tar-rapporti annwali għall-2022 li jridu jitressqu sal-31 ta' Awwissu 2023, u fir-rigward tar-rapporti annwali sussegwenti.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

“9. **Produzzjoni organika u tikkettar ta’ prodotti organiċi**

9.1. *Konklużjoni ġenerali dwar il-livell ta’ konformità miksub*

9.2. *Data organika*

**Identifikazzjoni tal-Istat Membru/l-awtorità kompetenti li jressaq/tressaq ir-rapport annwali**

| *Data* minn | Stat Membru |
|---|---|
| Għadd ta’ awtoritajiet kompetenti li d-*data* tagħhom ġiet integrata (A) | Għadd ta’ awtoritajiet kompetenti |
| Għadd ta’ awtoritajiet ta’ kontroll li d-*data* tagħhom ġiet integrata (B) | Għadd ta’ awtoritajiet ta’ kontroll |
| Għadd ta’ korpi ta’ kontroll li d-*data* tagħhom ġiet integrata (C) | Għadd ta’ korpi ta’ kontroll |
| Għadd totali ta’ awtoritajiet/korpi li d-*data* tagħhom ġiet integrata (A) + (B) + (C) | Għadd totali ta’ awtoritajiet/korpi |
| Perjodu ta’ rapportar | Sena |

*Tabella 1*

**Għadd ta' kontrolli għall-awtoritajiet kompetenti – għall-awtoritajiet ta' kontroll – għall-korpi ta' kontroll kollha**
*(l-Artikoli kollha jirreferu għar-Regolament (UE) 2018/848)*

1. **Operaturi rreġistrati fil-pussess ta' ċertifikat sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' rapportar**

| | | Numru tal-kodiċi jew isem l-awtorità kompetenti/l-awtorità ta' kontroll/il-korp ta' kontroll | Għadd ta' operaturi | Għadd ta' verifiki tal-konformità skont l-Artikolu 38(3) (fiżiċi u mhux fiżiċi) | Għadd ta' kontrolli uffiċjali fiżiċi mwettqa fuq il-post | | | | Għadd ta' kampjuni meħuda skont l-Artikolu 38(4)(c) | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Kontrolli annwali L-Artikolu 38(3) | Kontrolli addizzjonali bbażati fuq ir-riskju skont l-Artikolu 38(4)(b) | Għadd totali ta' kontrolli skont l-Artikolu 38(3) u 38(4)(b) | Li minnhom għall-għarrieda skont l-Artikolu 38(4)(a) | Għadd totali ta' kampjuni | Għadd ta' kampjuni b'detezzjonijiet |
| 1.a. | Ċifri għall-awtorità kompetenti/għall-awtorità ta' kontroll/għall-korp ta' kontroll 1 | | | | | | | | | |
| 1.b. | Ċifri għall-awtorità kompetenti/għall-awtorità ta' kontroll/għall-korp ta' kontroll 2 | | | | | | | | | |
| 1.c. | Ċifri għall-awtorità kompetenti/għall-awtorità ta' kontroll/għall-korp ta' kontroll 3 | | | | | | | | | |
| … | *kompli u elenka l-awtoritajiet/il-korpi kollha* | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | |
| | Ċifri totali għall-awtoritajiet kompetenti/għall-awtoritajiet ta' kontroll/ għall-korpi ta' kontroll kollha [is-somma ta' (1.a.+ 1.b.+ 1.c.+....] | | | | | | | | | |

2. **Gruppi ta’ operaturi (GoO) fil-pussess ta’ ċertifikat sal-31 ta’ Diċembru tas-sena ta’ rapportar**

| | | Numru tal-kodiċi jew isem l-awtorità kompetenti/l-awtorità ta’ kontroll/il-korp ta’ kontroll | Għadd ta’ gruppi | Identifikazzjoni tal-grupp | Għadd totali ta’ operaturi li huma membri ta’ gruppi | Għadd totali ta’ kontrolli uffiċjali fuq il-gruppi | Għadd ta’ spezzjonijiet mill-ġdid tal-membri tal-gruppi | Spezzjonijiet li fihom ittieħdu mill-inqas kampjun 1 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2. | Ċifri totali għall-gruppi kollha tal-operaturi għall-awtoritajiet kompetenti/għall-awtoritajiet ta’ kontroll/għall-korpi ta’ kontroll kollha | | | | | | | |
| 2.a. | Ċifri għall-awtorità kompetenti/għall-awtorità ta’ kontroll/għall-korp ta’ kontroll 1 | | | | | | | |
| 2.a.1. | Grupp ta’ operaturi a.1 | | | | | | | |
| 2.a.2. | Grupp ta’ operaturi a.2 | | | | | | | |
| 2.a… | Grupp ta’ operaturi a … | | | | | | | |
| 2.b. | Ċifri għall-awtorità kompetenti/għall-awtorità ta’ kontroll/għall-korp ta’ kontroll 2 | | | | | | | |
| 2.b.1. | Grupp ta’ operaturi b.1 | | | | | | | |
| 2.b.2. | Grupp ta’ operaturi b.2 | | | | | | | |
| 2.b… | Grupp ta’ operaturi b … | | | | | | | |
| 2.c. | *kompli u elenka l-gruppi kollha tal-operaturi għal kull awtorità kompetenti/awtorità ta’ kontroll/korp ta’ kontroll* | | | | | | | |
| 2.c… | Grupp ta’ operaturi … | | | | | | | |

*Tabella 2*

**NUQQASIJIET TA' KONFORMITÀ**

***Data* għal kull awtorità kompetenti/awtorità ta' kontroll/korp ta' kontroll**

1. **Tip u għadd ta' każijiet stabbiliti ta' nuqqas ta' konformità maġġuri u kritiku**

| | | Isem jew numru tal-kodiċi tal-awtorità kompetenti/ tal-awtorità ta' kontroll/ tal-korp ta' kontroll | Għadd ta' każijiet għal kull tip ta' nuqqas ta' konformità stabbilit matul il-kontrolli uffiċjali mwettqa | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Regoli ġenerali dwar il-produzz-joni | Regoli speċifiċi dwar il-produzz-joni | Sustanzi jew prodotti mhux awtorizzati | Derog i | Dokumenti u rekords | Regoli għall-GoO | Tikkettar | Oħrajn |
| 1. | Każijiet stabbiliti ta' nuqqasijiet ta' konformità – TOTAL | | | | | | | | | |
| 1.a. | Każijiet stabbiliti għall-awtorità kompetenti/għall-awtorità ta' kontroll/għall-korp ta' kontroll 1 | | | | | | | | | |
| 1.b. | Każijiet stabbiliti għall-awtorità kompetenti/għall-awtorità ta' kontroll/għall-korp ta' kontroll 2 | | | | | | | | | |
| 1.c. | Każijiet stabbiliti għall-awtorità kompetenti/għall-awtorità ta' kontroll/għall-korp ta' kontroll 3 | | | | | | | | | |
| … | *kompli u elenka l-awtoritajiet/il-korpi kollha* | | | | | | | | | |

2. **Miżuri meħuda għal każijiet stabbiliti ta' nuqqasijiet ta' konformità maġġuri u kritiċi**

| Għadd ta' każijiet stabbiliti ta' nuqqasijiet ta' konformità | Miżuri meħuda għal każijiet stabbiliti ta' nuqqasijiet ta' konformità | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Titjib fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' prekawzjoni u kontrolli stabbiliti mill-operatur | Ebda referenza għall-produzzjoni organika fit-tikkettar u r-reklamar tal-lott kollu jew tat-tiratura kkonċernata | Projbizzjoni tat-tqegħid fis-suq tal-prodott(i) affettwat(i) b'referenza għall-produzzjoni organika, għal perjodu partikolari | Perjodu ġdid ta' konverżjoni | Limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni taċ-ċertifikat | Sospensjoni taċ-ċertifikat | Irtirar taċ-ċertifikat | Għad trid tiġi deċiża miżura korrettiva | Oħrajn |
| (A) | (B1) | (B2) | (B3) | (B4) | (B5) | (B6) | (B7) | (B8) | (B9) |
| | | | | | | | | | |

*Tabella 3*

**Superviżjoni u Awditi**

Attivitajiet tal-awtorità kompetenti relatati

— mal-korpi ta' kontroll li lilhom tkun iddelegat ċerti kompiti

— mas-superviżjoni ta' tali korpi ta' kontroll

— mal-irtirar ta' delegazzjonijiet lil tali korpi ta' kontroll

— mal-awditu tal-awtoritajiet ta' kontroll

1. **Korpi ta' kontroll ġodda li l-awtorità ta' kontroll tkun iddelegatilhom kompiti ta' kontroll/korpi ta' kontroll u li d-delega tagħhom tkun ġiet irtirata**

| | | Għadd ta' korpi ta' kontroll | Kummenti fejn jeħtieġ |
|---|---|---|---|
| Għadd fil-bidu tas-sena ta' rapportar (l-1 ta' Jannar tas-sena N) | (A) | | |
| Korpi ta' kontroll ġodda matul is-sena N | (B) | | |
| Korpi ta' kontroll li d-delega tagħhom tkun ġiet irtirata matul is-sena N | (C) | | |
| Għadd fi tmiem is-sena ta' rapportar (il-31 ta' Diċembru tas-sena N) | (D) | | |

2. **Superviżjoni tal-korpi ta' kontroll mill-awtorità kompetenti**

2.a. *Għadd totali ta' superviżjoni tal-korpi ta' kontroll*

| | Għadd ta' korpi ta' kontroll fi tmiem is-sena ta' rapportar | Għadd ta' awditi tas-superviżjoni tal-korpi ta' kontroll imwettqa mill-awtorità kompetenti matul is-sena ta' rapportar | Kopertura tal-korpi ta' kontroll permezz tal-awditu tas-superviżjoni tal-awtorità kompetenti | Ikkummenta fejn jeħtieġ |
|---|---|---|---|---|
| | (D) | (E) | (F) = (E)/(D) | |
| Għadd ta' korpi ta' kontroll – Għadd ta' awditi tas-superviżjoni matul is-sena ta' rapportar – kopertura | | | | |

Jenħtieġ li l-għadd totali ta’ Korpi ta’ Kontroll Approvati (D) jikkorrispondi mal-għadd irrappurtat fit-taqsima 1

2.b *Dettall tas-superviżjoni għal kull korp ta’ kontroll*

| Elenka l-korpi ta’ kontroll kollha taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti | Għadd ta’ operaturi | Għadd ta’ GoO | Awditu mwettaq mill-awtorità kompetenti matul is-sena ta’ rapportar iva = 1/le = 0 | Għadd ta’ fajls tal-operaturi rieżaminati fl-awditu tas-superviżjoni matul is-sena ta’ rapportar | Kopertura tal-għadd ta’ fajls tal-operaturi rieżaminati meta mqabbla mal-għadd totali ta’ operaturi | Għadd ta’ fajls GoO rieżaminati matul l-awditu matul is-sena ta’ rapportar | Kopertura tal-għadd ta’ fajls GoO rieżaminati meta mqabbla mal-għadd totali ta’ GoO | Indika n-numru ta’ referenza tal-formola individwali mimlija għall-korp ta’ kontroll (il-mudell “formola individwali għall-korp ta’ kontroll” mehmuż) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Numru tal-kodiċi | (G) | (H) | (I) | (J) | (K) = (J)/(G) | (L) | (M) = (L)/(H) | (N) |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |
| | | | | | | | | |

3. **Attivitajiet ta’ awditu mwettqa mill-awtorità kompetenti fuq l-awtoritajiet ta’ kontroll (rilevanti biss jekk l-awtorità kompetenti tiddelega kompiti ta’ kontroll lill-awtoritajiet ta’ kontroll)**

| | Għadd ta’ awtoritajiet ta’ kontroll li l-awtorità kompetenti tkun iddelegatilhom kompiti ta’ kontroll | Għadd ta’ awditi mwettqa fuq l-awtoritajiet ta’ kontroll mill-awtorità kompetenti | Kopertura tal-awtoritajiet ta’ kontroll awditjati mill-awtorità kompetenti matul is-sena ta’ rapportar | Ikkummenta fejn jeħtieġ |
|---|---|---|---|---|
| | (K) | (L) | (M) = (L)/(K) | |
| Matul is-sena ta’ rapportar | | | | |

*Tabella 4*

**FORMOLA INDIVIDWALI DWAR IS-SUPERVIŻJONI TAL-KORP TA' KONTROLL**

*Il-formola tista' timtela' mill-awtorità kompetenti għal kull korp ta' kontroll li kien soġġett għal awditu tas-superviżjoni matul is-sena tar-rapportar (fakultattiv)*

| | | |
|---|---|---|
| Numru ta' referenza tal-formola | | *dan irid jiġi kkupjat fit-tabella tal-awditu tas-superviżjoni – kamp tad-data K* |
| Sena tar-rappurtar | | |
| Awtorità kompetenti responsabbli mis-superviżjoni | | |
| **Rapport tal-awditu tas-superviżjoni** | | |
| Referenza: | | |
| Data: | | |
| **Identifikazzjoni tal-korp ta' kontroll** | | |
| Numru tal-kodiċi | | |

**SOMMARJU TAS-SEJBIET EWLENIN TAL-AWDITU TAS-SUPERVIŻJONI**

1. **Kondizzjonijiet għall-approvazzjoni tal-korp ta' kontroll u d-delega tal-kompiti ta' kontroll**

*Jekk jogħġbok daħħal it-test*

2. **Sejbiet relatati mal-konformità mar-rekwiżiti minimi ta' kontroll**

*Jekk jogħġbok daħħal it-test*

3. **Sejbiet relatati mal-valutazzjoni tar-riskju tal-operaturi**

*Jekk jogħġbok daħħal it-test*

4. **Sejbiet relatati mal-konformità mal-katalogu nazzjonali ta' miżuri**

*Jekk jogħġbok daħħal it-test*

5. **Sejbiet relatati mal-iskambju ta' informazzjoni mal-awtorità kompetenti**

*Jekk jogħġbok daħħal it-test*

6. **Sejbiet oħra**

*Jekk jogħġbok daħħal it-test*

7. **Konklużjoni ġenerali**

*Jekk jogħġbok daħħal it-test+A1:24*

*Tabella 5*

**Azzjonijiet u miżuri meħuda mill-awtorità kompetenti matul is-sena ta' rapportar biex tiġi żgurata l-effettività tal-kontrolli uffiċjali mill-awtoritajiet ta' kontroll/il-korpi ta' kontroll**

| | | |
|---|---|---|
| *Data* minn | *Stat Membru* | |
| Perjodu | *Sena* | |

1. **Leġiżlazzjoni nazzjonali**

*Jekk jogħġbok daħħal it-test*

2. **Proċeduri ta' kontroll ġodda, aġġornati jew riveduti**

*Jekk jogħġbok daħħal it-test*

3. **Attivitajiet ta' taħriġ**

*Jekk jogħġbok daħħal it-test*

4. **Għoti ta' riżorsi addizzjonali jew riallokazzjoni ta' riżorsi eżistenti wara rieżami tal-prijoritajiet**

*Jekk jogħġbok daħħal it-test*

5. **Inizjattivi ta' kontroll speċjali**

*Jekk jogħġbok daħħal it-test*

6. **Bidliet fl-organizzazzjoni jew fil-ġestjoni tal-awtoritajiet kompetenti**

*Jekk jogħġbok daħħal it-test*

7. **Oħrajn**

*Jekk jogħġbok daħħal it-test*"